

Brussell, 25 ta' Mejju 2016
(OR. en)

9452/16

FISC 85
ECOFIN 502

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Mejju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8792/1/16 REV 1	
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Esterna għal Tassazzjoni Effettiva u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż tat-trattat dwar it-taxxa – Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Mejju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Esterna għal Tassazzjoni Effettiva u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż tat-trattat dwar it-taxxa, adottati mill-Kunsill fit-3468 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Mejju 2016.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Esterna għal Tassazzjoni Effettiva u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż tat-trattat dwar it-taxxa

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill:

1. JIKKONFERMA l-importanza li titkompla u tiġi intensifikata l-azzjoni biex jiġu indirizzati l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak globali, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew f'Mejju 2013 u kif imfakkar mill-Ministri fl-ECOFIN informali tat-22 ta' April 2016;
2. IFAKKAR dwar l-importanza li jittieħdu passi effettivi fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa kif ukoll il-ħasil tal-flus, b'mod partikolari fi żminijiet ta' limitazzjonijiet baġitarji;
3. għalhekk JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Esterna għal Tassazzjoni Effettiva u JIEĦU NOTA tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż tat-trattat dwar it-taxxa;
4. IFAKKAR li mid-diskussjonijiet waqt laqgħa informali tal-ministri tal-ECOFIN f'Amsterdam, ħareġ l-appoġġ għall-istabbiliment ta' lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx u miżuri difensivi koordinati, li t-tnejn għandhom jiġu definiti mill-Kunsill;

Rigward il-Komunikazzjoni dwar Strateġija Esterna, il-Kunsill:

5. JAPPELLA għal implimentazzjoni rapida u komprensiva tal-istandards maqbula internazzjonalment dwar it-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni żviluppati mill-OECD u JINKORAĠĠIXXI lill-ġurisdizzjonijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom li jimplementaw l-istandards internazzjonali malajr kemm jista' jkun u JĦEĠĠEĠ lill-ġurisdizzjonijiet li għandhom mhux parteċipanti fil-qafas inklużiv tal-OECD biex jissieħbu mingħajr dewmien;

6. JAQBEL li l-Kunsill jistabilixxi lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx u li jesplora miżuri difensivi koordinati fil-livell tal-UE mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istat Membru;
7. JISĦAQ dwar il-ħtieġa li jkun hemm ħidma mill-qrib u b'mod parallel mal-OECD sabiex jiġu mfassla l-kriterji internazzjonali f'dan il-qasam u sabiex jittieħed kont tal-ħidma tal-Forum Globali meta tiġi żviluppata l-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx;
8. JIDDEĊIEDI li l-kriterji dwar it-trasparenza biex tiġi stabbilita lista ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx iridu jkunu konformi ma' standards maqbula internazzjonalment dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa, b'mod partikolari l-istandards żviluppati mill-OECD, kemm dwar l-iskambju ta' informazzjoni wara li jkun hemm talba kif ukoll għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (Standard Komuni ta' Rappurtar);
9. JISTIENEN lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex iqis kriterju addizzjonali għall-elenkar ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx ibbażat fuq in-noneżistenza ta' sistemi ta' taxxa dannużi kif definit mill-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi, u kriterji addizzjonali possibbli, li jistgħu jkunu ispirati b'mod partikolari mill-azzjonijiet tal-BEPS tal-OECD;
10. JISTIENEN lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex jibda l-ħidma fuq lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx sa Settembru 2016, u biex jiddetermina, abbażi tal-ewwel skrutinju mill-Kummissjoni, il-Pajjiżi terzi li għandhom jibdedw djalogi magħhom, bil-ħsieb li tiġi stabbilita lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx u sabiex jiġu esplorati miżuri difensivi fil-livell tal-UE li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill fl-2017. Dawk il-miżuri difensivi jistgħu jiġu kkunsidrati biex jiġu implimentati fil-qasam tat-taxxa kif ukoll dak mhux tat-taxxa;
11. JILQA' l-proġett pilota għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-użu fruttwarji aħħarin approvat mill-Istati Membri kollha bil-għan li jiġi żviluppat standard komuni;

12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tqis inizjattivi leġislattivi dwar Regoli Mandatorji ta' Żvelar ispirati mill-Azzjoni 12 tal-proġett tal-BEPS tal-OECD bil-ħsieb li jiġu introdotti disinċentivi aktar effettivi għal intermedjarji li jassistu fl-evażjoni tat-taxxa jew fi skemi ta' evitar tat-taxxa;
13. JAPPOĠĠA l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-prinċipji tal-governanza tajba tat-tassazzjoni li għandhom jintużaw bħala d-dispożizzjoni standard ġdida f'negozjati futuri ma' pajjiżi terzi u JISTIEDEN lill-Grupp Dwar il-Kodiċi tal-Kondotta sabiex jeżamina elementi ewlenin li għandhom jiffurmaw parti minn klawsola li tiddaħħal fi ftehimiet bejn l-UE u dawk il-pajjiżi;
14. JAQBEL mal-importanza ta' governanza tajba tat-tassazzjoni għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex iżidu l-mobilizzazzjoni tal-introjtu domestiku tagħhom u JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu assistiti sabiex jilħqu l-governanza tajba tat-tassazzjoni;
15. JISĦAQ dwar l-importanza tal-Inizjattiva tat-Taxxa Addis (ATI), bl-impenn ewlieni tagħha li tirdoppja jew iżżid sostanzjalment l-appoġġ għal kooperazzjoni teknika dwar it-tassazzjoni u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, li diġà ġiet iffirmata minn tnax-il Stat Membru, u JAPPELLA lill-bqija tal-Istati Membri kollha sabiex jissieħbu mal-ATI;
16. JINSAB LEST sabiex jeżamina l-proposta biex jiġu inklużi standards aġġornati tal-UE dwar il-governanza tajba tat-tassazzjoni fir-Regolament Finanzjarju tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi ladarba tkun tressqet proposta ġdida mill-Kummissjoni;

Rigward ir-Rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż tat-trattat dwar it-taxxa, il-Kunsill:

17. JINNOTA r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BEPS tal-OECD dwar l-Azzjonijiet 6 u 7 tkun konformi mal-liġi tal-UE;

18. ITENNI l-importanza li tittieħed azzjoni konkreta u koerenti kontra n-nontassazzjoni doppja permezz ta' evazzjoni jew evitar tat-taxxa permezz tat-tħaddim ta' konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja, f'konformità mal-kompetenza tal-Istati Membri fin-negozjar ta' konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja b'mod bilaterali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;
19. JILQA' d-dispożizzjonijiet proposti fir-rigward ta' test tal-għan prinċipali u l-istabbilimenti permanenti li għandhom jiġu inklużi fit-trattati bilaterali dwar it-taxxa maqbula minn Stat Membru, filwaqt li JIRRIKONOXXI li t-trattati bilaterali dwar it-taxxa jibqgħu il-kompetenza tal-Istati Membri u li miżuri oħra elaborati fil-kuntest tal-Azzjoni 6 tal-BEPS tal-OECD jistgħu jkunu ta' għajjnuna, bħall-klawsoli tal-limitazzjoni fuq il-benefiċċji (lob).
